MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 122/2010

**A B C**

**vs**

**D C**

**Il-Qorti,**

Preambolu.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. "Illi fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998), il-kontendenti ikkontrattaw zwieg bejniethom certifikat taz-Zwieg.

2. Illi ghalkemm jidher li l-istess zwieg kien validu, effettivament 1-istess ma kienx.

3. Illi l-kunsens ta' l-konvenuta ghaz-zwieg inkiseb bi vjolenza biza'.

4. Illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb b'gherq dwar xi kwalita tal-konvenuta li setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzu fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

6. Illi inoltre l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

7. Illi l-esponent ghandu interess li z-zwieg iccelebrat bejnu u bejn il-konvenuta jigi ddikjarat null ghall-effetti kollha tal-ligi u ghalhekk qed isir dan ir-rikors.

8. Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti toghgobgha:

1. Tiddikjara li z-zwieg kkontrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi.".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li permezz taghha issottomettiet:-

1. "Illi l-cccepjenti taqbel li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-31 ta Mejju 1998 kien null u bla effett, izda bi htijiet tal-attur.

2. Illi mhux minnu li l-kunsens tal-eccepjenti kien vizzjat bi vjolenza jew b'biza kif allegat mill-attur.

3. Illi lanqas huwa minnu li, meta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg mal-attur kien vizzjat b’difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijirt u d-dmirijiet essenzjali taghhom jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg jew b’xi mod eskludiet iz-zwieg innifsu jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga.

4. Illi konsegwentement l-eccepjenti m’ghandhiex tbati spejjez.”

5. Illi konsegwcnternent l-eccepjenti m’ghandhiex tbati spejjez.”

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

L-attur **A B C** xhed[1] illi huwa beda johrog mal-konvenuta meta kellu hmistax-il sena u l-konvenuta kellha erbatax-il sena. Kienu fi grupp tal-parrocca fejn kienu joqghodu l-familji rispettivi. Jghid li l-konvenuta ma kinitx interessata fl-iskola. Peress li kellha zewg hutha izghar minnha sew, b’xi tmien snin, kienet tiehu hsiehom kif ukoll taghmel il-facendi tad-dar. Jghid li kien mohha li tizzewweg kemm jista’ jkun malajr. Meta wasal biex jidhol l-Universita’ kienet qaltlu biex jaghzel bejnha u bejn l-Universita’ u huwa iddecieda li ma jkompliex jistudja u beda jahdem. Meta l-attur kellu tmintax-il sena l-partijiet hadu l-engagement, sena wara xtraw maisonette u sentejn wara izzewgu.

[1] Affidavit a fol. 27

Jirrakkonta illi fiz-zmien qabel ma zzewgu omm il-konvenuta kienet taghmel hafna pressjoni fuq il-konvenuta biex tmur tahdem. Kienet sabet tahdem bhala machine operator gewwa fabbrika. Kienet spiss tinfaqa' tibki u tghid li ma tridx tmur ghax-xoghol. It-tabib tal-familja irrakkomandalha li tmur tkellem psikjatra kif fil-fatt ghamlet u giet akkumpanjata minn ommha.

Il-partijiet izzewgu fil-31 ta' Mejju 1998. Marru qamar il-ghasel l-Amerika u l-Bahamas ghal perijodu ta' gimghatejn. Dwar x'gara meta gew lura jghid hekk:

"Hames minuti biss wara li dhalna d-dar, D infaqghet tibki isterikament u tghid li ma tridx tmur lura x-xoghol. Jiena ghidtilha biex tikkalma u li setghet tieqaf mix-xoghol jekk riedet. Imma hi kompliet tibki b'mod isteriku u qisha ppruvat tghallaq lilha nnifisha u tghid li riedet tmut."

It-tabib tal-familja irrakkomanda li terga tkellem lill-psikjatra. L-attur jghid li kif marru d-dar pero' l-konvenuta regghat ippruvat tghallaq lilha nnifisha permezz ta' cinturin kif ukoll ippruvat tuza sikkina. Il-psikjatra taha l-medicini li kellha bzonn u jidher li l-kura kellha effett pozittiv,

Sentejn wara li zzewgu kellhom tarbija.

Il-konvenuta ma kinitx tmur tajjeb ma' omm l-attur. Tlett snin wara li zzewgu l-attur jghid li fuq pressjoni tal-konvenuta waqaf ikellem lil ommu. Jghid li omm il-konvenuta kienet intrusiva fuq hajjithom u spicca ma jkellimiex.

Tlett snin wara li zzewgu biegghu d-dar li kellhom u xtraw post iehor. Kif dahlu fil-post il-gdid l-attur jghid li l-konvenuta regghat waqghet f''depression'. Jghid li regghat ippruvat taghmel suwicidju billi tpoggi sikkina ma' ghonqa u tuza c-cinturin. Jghid li darba hadet overdose ta' ghaxar pilloli f'daqqa.

Jirrakkonta diversi incidenti ohra fosthom li darba hadet lit-tifla fil-karrozza u ppruvat tibqa' niezla b'kollox fil-bahar.

Kienu isseparaw de facto ghal xahar izda regghu lura flimkien. L-attur jghid li ghalkemm kien ihoss li l-konvenuta qarqet bih ghaliex hbietlu l-kondizzjoni mentali taghha qabel iz-zwieg, huwa ma riedx li jigri xi haga lill-konvenuta u tbati t-tifla.

L-attur jghid li f'Novembru 2007 "wara perjodu twil ta' riflessjoni" iddecieda li ma setghax ikompli jghid ma' mara li kienet qarqet bih u li kienet ippruvat toqtol lil bintu. Jghid li "Kelli hafna x'nitlef imma nemmen li ma stajtx inkompli nghix maghha meta kienet tuza l-"emotional blackmail" li ha twegga lilha nnifisha biex izzomni maghha. Meta tlaqt D regghet tiprova tikkommetti suwicidju billi qabzet mit-tarag tad-dar ta' ommha u spiccat l-Isptar Monte Carmeli ghal xi zmien."

In kontro-ezami l-attur qal hekk: "Jien kif ghamlet l-att fuq it-tifla, qatt ma stajt innizzilha li speci din hija l-mara tieghi izjed minn dakinhar 'l hawn". Jirrizulta li l-konvenuta kienet tkun 'depressed'.

Jirrizulta illi qabel izzewgu l-partijiet kienu qed isirilhom l-ezami mis-sacerdot. Meta l-partijiet kienu gew mistoqsija mis-sacerdot jekk kienux jafu b'xi kondizzjoni medika tal-parti l-ohra jidher li issemma li l-konvenuta kienet f'xi zmien taht kura psikjatrika. Kien ghalhekk li s-sacerdot bghathom ghal certifikat minghand it-tabib.

**John Spiteri** u **Anastasia Spiteri**, omm l-attur, ipprezentaw affidavit fejn spjegaw illi dak li jafu kien irrakkontahulhom l-attur. Li jafu huwa li wara z-zwieg il-partijiet kien spiss ikollhom xi jghidu. "….ahna konna nafu li hemm xi haga li mhux sew fir-relazzjoni bejniethom ghax it-tifel taghna kien il-hin kollu jkun bid-dwejjaq u dan qabel ma zzewweg ma kienx hekk."

Il-konvenuta **D C** xhedet bil-mezz tal-affidavit.[2] Tichad l-allegazzjoni tal-attur li hija kienet kostretta ma tkompliex tistudja mill-genituri taghha. Tghid li kienet hi minn jeddha li ma xtaqitx tkompli bl-istudji filwaqt li l-genituri taghha kienu jhegguwha tkompli tistudja kif ghamlu maz-zewg hutha l-ohra li llum it-tnejn huma gradwati.

Tichad ukoll l-allegazzjoni tal-attur li kienet kienet geghlet lill-attur ma jmurx l-Universita'. Tghid li kienet ghazla libera tal-attur li flok imur l-Universita' li jmur jahdem u jistudja part-time.

Dwar il-kondizzjoni medika tal-konvenuta qabel ma l-partijiet iccelebraw it-tieg taghhom il-konvenuta tghid hekk illi hija kellha kondizzjoni estetika f'wicca u peress li fuq il-post tax-xoghol kienu jipproducu 'shaving foam' kienu jghaddulha hafna botti. Tispjega s-sitwazzjoni taghha hekk: "Spiccajt konxja hafna ta' dan il-pil. Inghalaqt fija innifsi u tlift il-kundizzjoni kollha. Bdejt narani kerha. Kont nibki hafna u waqaft immur ix-xoghol. Kellimt lit-tabib tal-familja, u baghatni ghand il-psikjatra Dr George Debono."

[2] Fol. 62

Tghid li marret ghand il-psikjatra diversi drabi u l-attur kien jakkumpanjha. Tghid li l-konvenut mhux biss jakkumpanjha izda wkoll jaghtiha hafna 'support'. Tghid li bl-ghajnuna tal-attur hi irnexxielha tgheleb il-problema u setghat tkompli b'hajjtiha normali tant li regghat lura ghax-xoghol.

Issemmi l-okkazzjoni fejn il-qassies staqsihom jekk qattx kienu jbatu minn 'depression' u kien bghathom igibu certifikat minghand it-tabib liema certifikat gie ffirmat mill-attur bhala turija li jaf bil-kontenut tieghu u gie mghoddi lill-Kurja. Tghid hekk: "Dan kollu juri kemm A illum qed ikun dizonest meta jallega li qarraqt bih."

Tispjega illi wara li zzewgu fil-31 ta' Mejju 1998 kienu marru joqghodu fil-post taghhom f'Wied il-Ghajn, post li kien imwarrab. Il-konvenuta kienet tqatta' hafna hin wahedha. Kien hawn li l-konvenuta regghat waqghet f''depression'. It-tabib tal-familja bghatha ghand il-psikjatra u harget mill-kondizzjoni malajr. Sabiex tgheleb id-dwejjaq kagunat mis-solitudni dahlu kelb.

Kien hawn li l-attur beda jdum hafna ma jirritorna d-dar u kien jghidilha li dan kien minhabba li kien ikollu l-lectures jew laqghat tax-xoghol fit-tard.

Tispjega li wara li twieldet it-tifla l-attur beda jorqod f'kamra separata. Kien hawn li skont il-konvenuta l-attur beda jezigi minnha prestazzjonijiet sesswali li hi ma kinitx komda bihom. Aktar tard huwa beda jitlobha li jkollhom relazzjonijiet sesswali ma' terzi persuni. Il-konvenuta tghid li kienet kostretta taghmel dan: "Biex jikkonvincini, qalli li b'dan il-mod konna ser insahhu z-zwieg. Jien ikkuntentajtu, anke jekk kontra qalbi.".

In kontro-ezami[3] l-konvenuta issostni illi meta fiz-zmien qabel ma zzewgu kienet hassitha hazin mentalment hija kienet marret ghall-kura ghand il-psikjatra Dr George Debono u maghha kien imur l-attur: "Konna mmorru l-Alhambra clinic u A kien jigi mieghi hemmhekk. Kont mort xi tlett darbiet, konna mmorru Tas-Sliema fuq Zara Home…..lil A jiena dejjem ghidtlu b'kollox, qatt ma hbejtlu xejn lil A jien".

Il-konvenuta spjegat illi kienet bidlet il-psikjatra fuq rakkomandazzjoni ta' xi hadd u l-psikjatra li bdiet mur ghandu sabitu ta' tajjeb hafna u bil-medicina li taha kienet marret tajjeb. Spjegat li t-tifla li kellhom il-partijiet kienet ippjanata

[3] Fol. 67

Tikkonferma illi meta gew lura mill-honeymoon kienet ghamlet attentati ta' suwicidju. Tikkonferma wkoll l-incident ta' meta marret bil-karrozza bit-tifla hdejn il-bahar bil-hsieb li tibqa'niezla.

Xhed il-**Psikjatra Dr Etienne Muscat**, prodott mill-attur[4]. Huwa spjega li l-kondizzjoni li minnha kienet tbati l-konvenuta kienet 'depressive disorder'.

Jghid hekk: "The issue was this. Meta rajtha jiena kienet diga' mizzewga jigifieri jiena miniex cert kif kienet, ma nafx kif kienet qabel ma rajtha jiena. Jigifieri dik hija l-problema kienet mizzewga u kellha tifla. Jigifieri z-zwieg kien ilu under way. Ma nafx kif kienet, ma nafx kif kienet fil-bidu taz-zwieg issa jekk kienx hemm, kienx hemm possibilita' li johrogilha ovvjament kif ghidtlek f'kulhadd ikun hemm imma ma nistax nikkummenta kemm kienet qawwija l-predisposizzjoni taghha." "L-ewwel darba li rajtha jiena kienet destressed hafna w anke kienet sal-punt illi kienet qeghda fl-istat ambivalenti imma xtaqet tmut parti minnha. Umbaghad fiz-zmien tas-separazzjoni waslet ippruvat ittemm hajjitha jekk mhux sejjer zball, insejt id-dettalji ezatt. Dak iz-zmien waqt is-separazzjoni kienet ippruvat anke ttemm hajjitha."

Dr Muscat ma setax jghid x'kienet il-kundizzjoni mentali tal-konvenuta fiz-zmien li zzewget.

"Fil-kaz ta' D il-kundizzjoni hija kronaka jfisser illi l-propensita' li jaqbadha attakk ta' dipressjoni kien u jibqa' hemmhekk minn zmien ghal zmien pero' meta hi ma tkunx qed tbati mill-kundizzjoni ma hemmx, mhijiex impaired sal-punt li hi ma tafx x' inhuma r-responsabbilita' u l-implikazzjonijiet taz-zwieg u dana rajtu ghax issa ilha ftit snin issa tajba." "Rajtha waqt li kienet mizzewga pero' kien hemm problemi illi nahseb ma kienux ovvji dak iz-zmien. Jigifieri hargu wara l-problemi ta' fedelta' insomma hargu l-problemi bejniethom imbaghad tista', jista' anke kien hemm infedelta' w allura difficli nkun naf jiena x' kien qieghed jittrigerjaha. Jista' jkun illi r-relazzjoni kienet patologika iktar milli problema patologika. Once li spiccat ir-relazzjoni D qisha she got on with her life, her life she is living alone, she is living independently. Jigifieri I know it's hard to know what would happen what would have happened if, pero' nahseb li kif inhuma l-affarijiet illum m' hemmx raguni li nissuspetta li D mhiex tajba, per se mhiex tajba biex tassumi responsabbilita' taz-zwieg."

Dr Muscat kompla jispjega f'aktar dettal il-kondizzjoni medika li minnha tbati l-konvenuta:

"Biex nispecifika il-kundizzjoni tal-major depressive disorder dik hija kundizzjoni li hemm

[4] Fol. 100

once li tkun dikorrenti darba inti din dejjem ghandek ic-cans li terga' tkun dikorrenti darb ohra jigifieri attakk jista' jerga' jtik pero' bejn attakk u iehor I mean taghmel zmien twil tajba, anke jekk itik attakk imma m' hemmx raguni ghalfejn jekk itik attakk inti ghandek tkun inabilitat. I mean titlef l-abilita' tieghek li tezercita d-drittijiet civili tieghek. Il-problema hija jekk waqt attack. Jew l-attakk tant ikun qawwi di per se illi inti I mean titlef certu sens ta' proporzjon you know titlef is-sens ta' realta. Jew inkella c-cirkustanzi li tkun fihom flok they contain it they aggravate it."

Jikkonkludi x-xhieda tieghu billi jghid illi:

"Waqt il-perjodu mhux se tkun tajba naturalment pero' jista' jkun ma tkunx tajba u bis-support tal-familjari tibqa' ghaddejja. Ic-cirkustanzi huma li jiena difficli ghalija nifhem, diffic1i hafna din mela jiena, jiena difficli hafna ghalija nifhem kienitx il-problema tal-marda ta' D jew kienitx il-problema tar-relazzjoni taghhom li kienet l-aghar haga dak il-hin. Jiena naf fic-cert, illi l-iktar haga ovvja kienet l-imgieba ta' D pero' jiena ma nafx kienitx ezattament ghax D kienet daqshekk marida jew ghax ic-cirkustanzi ghafgux il-borma."

Xehed **Dr Stephen Spiteri**[5] prodott mill-attur, li huwa t-tabib tal-familja li tikkonsulta l-konvenuta:

Jiena ilni naf lil D u lir-ragel li kellha il' fuq minn ghaxar snin u kont dejjem naqdihom bhala tabib tal-familja kemm lilha kif ukoll lit-tifla taghha. Jiena gieli kkurajt lil D qabel ma zzewget dan ghaliex jiena kont naf lil partijiet qabel iz-zwieg. Dwar affarijiet normali ta' tabib li jinqalghu jiena gieli kkurajtha minhabba xi anzjeta' jew tensjoni. D tbati minn anzjeta' u dipressjoni u qeghda taht kura medika u taht kura psikjatrika wkoll. Jiena ma niftakarx bl-ezatt din il-kundizzjoni kienitx tirreferi ghal perjodu ta' qabel iz-zwieg kif qed nigi mistoqsi. Qabel ma zzewget D kienet tigi tkellimni u kienet uriet ukoll kundizzjoni ta' anzjeta'.

Kien hemm xi ncidenti li lilha affettwaha rigward ix-xoghol. Eventwalment 1-affarijiet bdew jaccelleraw u dak iz-zmien flimkien ma' zewgha konna wasalna ghal konkluzjoni illi tigi riferuta ghand Psikjatra. Fuq bazi ta' anzjeta' tittrattahom bhala tabib tal-famiIja pero' mbaghad meta jaslu ghal certu livell trid tittrattahom mod iehor f' sens illi tirreferihom ghand Psikjatra. Jiena niftakar li gieli kienet hazin bhala sintomi. Rigward dan li qed nghid li kienet hazin bhala sintomi dana 1-iktar li niftakar graw wara z-zwieg. Jien qed nghid hekk peress illi allura qed niftakar ghax iz-zmien kien izjed vicin pero' kont rajt dawn is-sintomi ta' anzjeta' fi D anke qabel iz-zwieg. Kien stat ta' ecitament, thossha mdejqa u thossha disturbata fl-irqad u sintomi li kienet anke ddejqet tghix. Jiena kont staqsejtha l-ewwel jekk hija hassitx xewqiet illi tnehhi hajjitha u wara li saqsejtha jiena hija wiegbet li kien hekk. Rigward dan l-incident fuq il-post tax-xoghol jiena niftakar li kienet avvicinatni u kienet b' sintomi ta'

---

[5] Fol. 112

anzjeta' w ecitament u jiena staqsejtha x' gara u qaltli li kellha xi nkwiet fuq ix-xoghol. Jiena assocjajt il-kawza ta' dawn is-sintomi ma' dan id-disturb illi kellha fuq il-post tax-xoghol. F' dak il-kaz jiena kont tajtha xi medicini jiena. Irriferejniha wara li s- sintomi komplew jiskalaw u dawn is-sintomi l-iktar li mmanifestaw ruhhom meta mbaghad dahlet fiz-zwieg. Kien hemm xi mumenti illi nahseb kienet anke ta' periklu ghaliha nfisha.

**Kontro Ezami**

Meta kienu ghadhom gharajjes gieli gew flimkien ghandi biex nara lilha biex inkellimha fuq is-suggett li qed nitkellmu fuqu u jiena nafhom ukoll min-naha tal-genituri taghhom, di familja. Meta kienu gharajjes kienet giet ghandi fuq din il-kwistjoni u kien akkompanjaha wkoll A B C u huwa gieli wkoll gibidli l-attenzjoni biex nghinuha. Dan kien qabel ma zzewgu. Niftakar illi talbuni ghal dikjarazzjoni fuq l-istat ta' D. Jidhirli li kien gie jitlobuli r-ragel taghha. Niftakar li ghamilt ic-certifikat niftakar li kien gie A pero' d-dettalji fini jien ma niftakarhomx.

**Ri Ezami**

Ic-certifikat kien jirreferi ghal perjodu partikolari ta' qabel iz-zwieg w oggettivament kien jelenka l-istat taghha. Ir-referenza ta' ncident li kellha problema ta' bullying fuq ix-xoghol kien fl-ambitu ta' dawk il-ftit xhur ta' qabel ma talbuni c-certifikat. A C kien jaghti kas u kien jghidli biex niehu hsiebha. Dan kien qabel iz-zwieg u wara kien javvicinani anke nkwetat fuqha din is-sitwazzjoni taghha. Meta hrigt ic-certifikat tajtha pilloli ghal dak iz-zmien pero' ma kienux long term. Jidhirli llum il-gurnata tiehu medicini."

Xehed **Rev. Fr. Joseph Mifsud**, prodott mill-attur, li ilu jaf lill-partijiet 'il fuq minn tmintax-il sena minn meta kienu membri tal-Kummissjoni Zghazagh fil-parrocca taghhom. Fr Mifsud, l-Arcipriet ta' Bormla, spjega li huwa kien jaf minn qabel ma l-partijiet izzewgu li fil-passat il-konvenuta kellha bzonn kura ghall-kondizzjoni mentali. Kien ghalhekk illi meta l-partijeit resqu quddiemu sabiex isir l-ezami taz-zwieg huwa talabhom certifikat mediku.

Jghid hekk: "L-unika oggezzjoni li kelli li ma kinitx valida kienet li f'ghajnejja kienu jidhru zghar u kien hemm din l-issue tas-sahha mentali. Dan gabu l-ittra u meta marru l-Kurja hadu c-certifikati b'din l-ittra tat-tabib u ma kienx hemm oggezzjoni" Spjega li skond l-ittra tat-tabib il-kondizzjoni tal-konvenuta ma kenitx timpediha milli tizzewweg.

Xehed **Rev. Fr Stefan Bonanno**, prodott mill-attur. Spjega li ilu jaf lill-partijiet miz-zmien li kienu fil-grupp taz-zghazagh. Jikkonferma li l-konvenuta ghaddiet minn zmien ta' dipressjoni u li kienet issib l-ghajnuna mill-attur. Jghid li omm l-attur kienet tindahal hafna fil-hajja tal-partijiet u kienet il-kagun ta' inkwiet bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet**.

**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta – Att dwar iz-Zwieg.**

L-attur sejjes il-kawza tieghu fuq is-segwenti sub-incizi ta' l-Artikolu 19 tal-Kap 255:-

*(a) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża;*

- omissis -

*(ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;*

- *omissis* -

*(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;*

Gie diversi drabi ritenut li d-decizzjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta.

Ghalhekk huwa imperativ li dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.

Fl-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Proprju fl-ewwel artikoli ta' dan il-Kodici, intitolat "**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin**" jinghad hekk:

*"2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*

*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*

*3. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja"*

**Gurisprudenza**.

Il-gurisprudenza nostrana konstantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqq. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs. Alexander Tonna**" deciza fis-6 ta' Novembru 1991:-

"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jergħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor

.

Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."

F’sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet “**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit**” (27 ta’ Jannar, 2006) jinghad hekk:

“Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe’ li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe’ li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.”

Ikkunsidrat;

Il-Gurisprudenza nostrana fir-rigward ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju hi fis-sens illi mhux kwalunkwe stat ta’ immaturita’ fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku jwassal ghall-annullament taz-zwieg. Ghalhekk wiehed irid jistaqsi: kien hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fil-kunsens ta’ xi hadd mill-partijiet li jirrendi l-kunsens moghti invalidu ghall-finijiet tal-ligi?

Fis-sentenza fuq citata “Zammit vs. Zammit” il-Qorti tal-Appell kompliet tiddikjara:-

-

“………..in-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju timplika inkapacita’ li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieg li jkun hemm tali kapacita’ intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta’ li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali.”

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet “**Mario Mizzi vs Maris Mizzi**” deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Novembru 2005 li:-

“Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita’ psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta’ ta’ l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.”

Fuq it-tema tal-validita’ ta’ kunsens moghti issir referenza wkoll ghal decizzjoni moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza “**Lawrence Attard vs George Attard**” deciza fit-30 ta’ Gunju 2011 fejn gie dikjarat illi: “Il-kapacita’ hija r-regola; l-inkapacita’ l-eccezzjoni……Biex persuna tkun kapaci ma

hemmx bzonn li jkun pefettament u rigorozament san minn mohhu;  bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x'inhu jaghmel".

Issir ukoll referenza ghal dak dikjarat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel Farrugia vs Bine Farrugia**" deciza fit-28 ta' Lulju 1987:-

"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett…….Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".

Fis-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mao**" deciza mill-Prim' Awla fl-20 ta' Ottubru 2000 gie dikjarat illi:-

"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett".

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza **B Caruana  vs Olena Verbytska Caruana** deciza fid-29 ta' Mejju 2009 gie dikjarata is-segwenti fir-rigward ta' kawzali konsistenti f'anomalija psikologika serja:

"F'dan il-kuntest huwa opportun li jigi ribadit, anke fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi tal-qrati taghna – ara, per ezempju, Isabelle Zarb v. Stephen Attard Prim Awla, 21 ta' Novembru 1995, u Samuela Lea Pavia v. John Pavia Prim Awla, 20

ta' Mejju 1996 – li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom. Id-dicitura wzata fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255 hi differenti minn dik uzata fil-paragrafu (c), li jitratta dwar il-qerq, fejn l-espressjoni wzata hi "kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".  Minn dan jidher car li meta si tratta ta' dolus, huwa bizzejjed li l-kwalita` li tkun giet mohbija – mill-kontraent l-iehor jew anke minn terza persuna – bl-iskop li testorci l-kunsens tal-parti fiz-zwieg ikun fiha l-potenzjalita` li tfixkel serjament "il consorzio della vita coniugale". Meta si tratta, izda, tat-tieni parti tal-paragrafu (d), il-legislatur impona kriterji ferm aktar rigidi u ristretti."

F'sentenza moghtija fid-29 ta' Novembru 2013 citata mill-konvenuta fl-ismijiet "**Isabelle Rossi vs Michael Rossi**" il-Qorti tal-Appell ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

"L-ewwel kawzali u cioe` s-subinciz (c) huwa dak tal-qerq; din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li ma tirriskontra ebda qerq, fis-sens moghti mill-gurisprudenza nostrali, fl-atti tal-kawza. Fir-rigward tas-subinciz (c) infatti l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Mary Farrugia v. Joseph Farrugia (13 ta' Marzu 1995) qalet illi: "Biex tissussisti s-sitazzjoni ravvistat fil-paragrafu inkwistjoni iridu jikkonkorru erbgha affarijiet;

"1. Il-qerq ipperpetrat bil-hsieb li jikseb il-kunsens tal-parti;

"2. Li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

"3. Li l-qerq ikun jirrigwardja xi kwalita' tal-parti l-ohra

u

"4. Li din il-kwalita' tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."

Fi kliem iehor irid ikun hemm intenzjoni biex parti tigi konvinta tersaq ghaz-zwieg tramite raggiri li jqarrqu lil dik il-parti billi per ezempju jahbu difetti serji jew addirittura jikkonvincuha minn pregji li ma jezistux. Il-fatt li l-appellanti kellha ansjeta` malli zzewget ghaliex irrejalizzat li kien ser jkun difficli li tghix mal-appellat minhabba l-kundizzjoni tad-diabete (xi haga li kienet taf biha kif ammettiet hija stess) zgur ma jfissirx li hija qarrqet jew tqarrqet fis-sens imsemmi. Per ezempju fis-sentenza Charles Mifsud v. Anna Ignacikova (13 ta' Novembru 2002), citata mill-appellanti fir-rikors tal-appell, il-Qorti laqghet it-talba ghall-annullament ghaliex il-konvenuta hbiet mill-attur il-fatt li minhabba problemi fizici hija ma setghetx ikollha l-ulied.

Kwanti ghaz-zewg sub incizi (d) u (f) li fuqhom l-attrici appellanti qed tibbaza t-talba taghha dawn huma spjegati tajjeb mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Joseph Zammit v. Bernardette Zammit (27 ta' Jannar 2006) b'dan il-mod:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z- zwieg bejn il-kontendenti ghandhu jkun presunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni u cioe li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.

"... is-sub inciz (d) fuq imsemmi jsemmi ukoll li z-zwieg ikun null jekk ikun affetwat b' anomalija psikologika serja u taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Ta' min jenfasizza hawn li l-ligi taghna tirrikjedi li l-anomalija psikologika tkun tali li taghmilha impossibbli u mhux semplicement difficli li wiehed jaqdi l-obligazzjonijet essenzjali taz-zwieg jew inkella li jassumi l-istess obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

"Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b' att posittiv tal- volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni u ghandhu jigi enfasizzat li nullita' ta' zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni propjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita' ta' zwieg minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. L-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita' li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti waqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita' intelletwali, propju l-att posittiv tal-volonta' li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali."

Fil-kawza Nicholas Agius v. Rita Agius (25 ta' Mejju 1995) intqal illi "b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita; li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irirkjeda maturita' shiha u perfetta ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg."

F'dan is-sens gew decizi ukoll il-kawzi Angela Spiteri v. Joseph Spiteri (4 ta' Novembru 1994), Robert Attard v. Josephine Attard (18 ta' Ottubru 1995) u Janet Portelli v. Victor Portelli (14 ta' Awwissu 1995). Fil-kawza fl-ismijiet Mario Mizzi v. Maris Mizzi (15 ta' Novembru 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li "biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddecidi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhew il-liberta tal-ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."

Fi kliem iehor il-Qorti korrettement indikat li dawn iz-zewg kawzali ma jistghux jissussistu flimkien u mill-provi prodotti mill-attrici f'din il-kawza din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-Qorti tal-Familja li ma rrizultawx l-estremi biex iz-zwieg jigi annullat. Infatti fil-kawza "Anthony Gallo v. Dr. Anthony Cutajar et nomine" (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li "meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jewwiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certi obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn

filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".

"Fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza "Al Chahid v. Mary Spiteri" (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li "wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg l jfalli minhabba cirkostanzi Ii jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".

"Imbaghad, ghal dak li jolqot il-kuncett ta' "l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga", u cioe` simulazzjoni parzjali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Abdel Wahed v. Dr. Yana Micallef Stafrace et" (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied". L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza "Aquilina v. Aquilina" (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza "Grech v. Grech" (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). "

Ikkunsidrat;

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, irid jigi ezaminat jekk il-kondizzjoni li minnha kienet tbati l-konvenuta qabel gie ccelebrat iz-zwieg irrendietx lill-istess konvenuta nieqsa minn dik il-fakolta' ta' intellet necessarju sabiex taghmel valutazzjoni korretta ta' dak li jimporta z-zwieg. Mill-provi jirrizulta illi huwa minnu li l-konvenuta kienet tbati minn 'depression'. Gie wkoll stabbilit il-kagun primarju ta' din il-kondizzjoni medika kagunata minn kondizzjoni f'wicc il-konvenuta illi kienet tpoggiha fi stat ta' dwejjaq kbar u fi stat ta' 'low self-esteem' kbir. Il-kondizzjoni mentali taghha kompliet taggrava meta shabha fuq il-post tax-xoghol kienu jiddihqu biha. Agir dan ta' kattiverja kbira li nissel fil-konvenuta addirittura xewqat u hsibijiet li tittermina hajjitha.

L-Arcipriet li ezamina lill-partijiet qabel izzewgu kien konxju li l-konvenuta kienet tbati minn marda ta' natura mentali tant li ma kienx lest li jzewweg lill-partijiet jekk ma jigiex prodott certifikat mediku dwar il-kondizzjoni medika tal-konvenuta. Ghalkemm ic-certifikat ma giex ezebit f'dawn il-proceduri irrizulta li t-tabib kien iccertifika li l-kondizzjoni medika tal-konvenuta kienet qed tigi kkurata. Jghid hekk fix-xhieda tieghu Dr Stephen Spiteri:- "D tbati minn ansjeta' u dipressjoni u qeghda taht kura medika u taht kura psikjatrika wkoll." Ghalkemm Dr Spiteri xhed li ma jiftakarx jekk il-kondizzjoni taghha kenitx tirreferi ghall-perijodu ta' qabel iz-zwieg, jikkonferma pero' li l-konvenuta kienet tmur sabiex jinvistaha in konnessjoni mal-kundizzjoni taghha ta' ansjeta'. F'mument il-kondizzjoni taghha kienet tant aggravat illi Dr Spiteri irrefera lill-konvenuta ghal ghand Psikjatra. Dr Spiteri spjega illi

meta qabel ma l-partijiet izzewgu kien intalab jirrilaxxja certifikat mediku dwar il-konvenuta jghid li ghalkemm ma jiftakarx id-dettalji ta’ x’nizzel f’dan ic-certifikat, fic-certifikat huwa nizzel oggettivament x’kien l-istat mediku taghha naturalment fi zmien qabel ma l-partijiet izzewgu.

Ghalkemm il-kontenut preciz ta’ dan ic-certifikat baqa’ ma giex ezebit f’dawn il-proceduri, mill-kumpless tal-provi jidher li Dr Spiteri iccertifika min x’hiex il-konvenuta kienet tbati, x’kura kienet hadet jew kienet qed tiehu u jekk il-kondizzjoni taghha kenitx tippermettielha li tersaq ghaz-zwieg. Jidher li Dr Spiteri ma kienx irriskontra ostakoli f’dan ir-rigward u sussegwentement il-partijiet kienu izzewgu. Jirrizulta kjarament li l-konvenut kien konxju mill-kondizzjoni medika tal-konvenuta tant li Dr Spiteri ikkonferma li qabel ma l-partijiet izzewgu l-attur kien jaghmel premura lil Dr Spiteri sabiex jaghti attenzjoni shiha lill-konvenuta. Din l-attitudni tal-attur kompliet anke wara z-zwieg tal-partijiet.

Ghalhekk mhux minnu dak li jallega l-attur illi l-konvenuta hbietlu il-kondizzjoni medika li minnha kienet tbati. L-istqarrija taht gurament maghmula mill-attur fl-affidavit tieghu li l-konvenuta “…. Tradiet il-fiducja fiha (recte. fija) ghax kienet tahbi l-affarijiet minni, specjalment il-fatt li kellha kondizzjoni mentali u dan anke minn qabel iz-zwieg”, m’ghandiex mill-verita’.

L-attur kien konsapevoli pjenament dwar il-kondizzjoni medika tal-konvenuta tant li ghamel minn kollox biex jghinha fir-rigward sew qabel kif ukoll wara z-zwieg. Ir-risposti evasivi tieghu in kontro-ezami meta mistoqsi dwar li hu kien jaf qabel iz-zwieg dwar tali kondizzjoni tal-konvenuta, idghajfu serjament il-kredibilita’ tat-testimonjanza tieghu.

Jirrizulta wkoll illi ghalkemm il-konvenuta kienet tbati minn ‘depression’ hija kienet qed tircevi l-kura medika ghaliha.

Il-provi juru illi fiz-zmien li l-partijiet izzewgu il-konvenuta kienet kapaci taghmel valutazzjoni tajba ta’ dak li z-zwieg jimporta.

Ghalhekk il-premessa tal-attur li l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ma gietx sostanzjata.

Lanqas il-premessa tal-attur illi l-kunsens tieghu “…inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-konvenuta li setghat mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.” ma gietx ippruvata” ma giet

sostanzjata. Ghall-kuntrarju irrizulta li ma gie adoperat l-ebda qerq da parti tal-konvenuta jew da parti ta' terzi sabiex l-attur jaghti l-kunsens tieghu ghaz-zwieg.

Jibqa' x'jigi konsidrat l-ahhar premessa tal-attur illi "…. l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga".

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jghid hekk fir-rigward ta' din il-premessa:-

"Il-fatt li hu issuggerixxa li t-tnejn jattendu u jippartecipaw f'relazzjonijiet adulteri ma' terzi persuni, fil-presenza ta' xulxin juri li hu ma kienx ihares lejn il-fedelta' bhala element indispensabbli taz-zwieg. Ma kienx lest li jkun fidil lejn l-intimata imma lanqas kien jippretendi li hi tkun fidila lejh. Dan juri li r-rikorrent ma kellux l-intenzjoni li z-zwieg ikun unjoni esklussiv".

Ikompli jissottometti: "L-eskluzzjoni tal-fedelta' fiz-zwieg da parti tar-rikorrent jwasslu ghall-konkluzzjoni li kien hemm simulazzjoni parzjali li jivvizja l-kunsens tieghu".

Irid jinghad illi din l-idea li l-partijiet ikollhom relazzjonijiet intimi ma' koppji ohra inizjat mill-attur circa sitt snin wara li l-partijiet izzewgu. Di fatti l-konvenuta fin-nota taghha tissenjala illi meta t-tifla kellha erba' snin l-attur qalilha li ma riedx jorqod aktar maghha u skopriet li kellu relazzjoni ma' mara ohra. Dan kien segwit minn separazzjoi de facto ta' xahar fejn il-konvenuta marret tghix ghand ommha izda wara xahar giet lura fid-dar matrimonjali fuq talba tal-istess attur. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-konvenuta tghid hekk:-

"Wara din, imbaghad, l-attur hareg bl-idea tas-*swinging*. Lill-esponenti kkonvinciha li setghu isahhu z-zwieg taghhom, minn dawn il-problemi kollha, jekk jithalltu sesswalment ma' nisa' u rgiel ohra." Tghid il-konvenuta li accettat li taghmel dan ghaliex "riedet akkost ta' kollox izzommu maghha lill-attur".[6]

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi li resqu l-partijiet fir-rigward u ma rriskontrat l-ebda prova li b'xi mod turi li l-konvenut dahal ghaz-zwieg bil-hsieb li jagixxi kif effettivament agixxa sitt snin wara li l-partijiet izzewgu. Ghall-kuntrarju, il-provi juru illi fiz-zmien li l-partijiet izzewgu lil xulxin it-tnejn dahlu ghaz-zwieg b'impenn serju li jkunu fidili lejn xulxin. Tant hu hekk illi z-zewg partijiet, fin-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi taghhom, ma ghamlu l-ebda referenza ghal xi prova li turi li fiz-zmien li l-

[6] Fol. 159

partijiet izzewgu l-attur gia' kien qed jippjana li ma jkunx fidil lejn martu. Il-fatt li sitt snin wara li l-partijiet izzewgu u meta r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet fi krizi serja, l-attur ikkonvinca lill-konvenuta sabiex jibda jkollhom relazzjonijiet intimi ma' terzi persuni, ma jista' qatt wahdu jwassal ghall-konkluzzjoni li meta sitt snin qabel l-attur kien qed jaghti l-kunsens tieghu ghaz-zwieg tali kunsens kien vizzjat bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg jew ta' xi element essenzjali tal-hajja mizzewga.

Fl-ahharnett jinghad fir-rigward tal-premessa illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg inkiseb bi vjolenza u biza', jinghad tali allegazzjoni ma ssibx riskontru fil-provi imressqa u ghalhekk qed tigi wkoll respinta.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-ewwel eccezzjoni u tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta, u tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-konvenuta;

Tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------